MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2011

Avviz Numru. 157/2009

**Martin Mifsud (I.D. No: 336076M)**

**Vs**

**Carmelo Bonnici (I.D. No: 518470M) u Mariella Bonnici (I.D. No: 224470M) ghall-finijiet tal-integrita' tal-gudizzju u ghal kull interess li jista' jkollha**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenuti jghidu l-ghaliex ma ghandhomx jkunu kkundannati li jhallsu solidalment bejniethom jew huma jew min minnkom, lill-attur is-somma ta' ghaxart elef mitejn u disgha u erbghin Ewro,u erbgha u ghoxrin centezmu (EUR10,249.24) rapprezentanti prezz ta' vettura tal-ghamla BMW 325 Saloon, Chasis No WBACC12080EM90274 minnu mhallas lill-konvenut Carmelo Bonnici f'Mejju, 2007, liema vettura qatt ma giet

trasferita fuq isem l-attur minhabba nuqqasijiet u htiegijiet taghhom jew ta’ min minnhom, minkejja l-interpellazzjonijiet li saru ghal dan il-ghan.

Bl-ispejjez kollha u bl-imghax legali mid-data tal-hlas tal-fuq imsemmija somma mill-attur tal-hlas ossija rifuzjoni effettiv kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (fol 6 u fol 7 ibid) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illil-bejgh tal-vettura in kwistjoni BMW 325 Saloon, sar skond il-ligi;
2. Illi l-pretensjonijiet ta’ l-attur inkwantu diretti kontra l-intimat Carmelo Bonnici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-esponent ghamel dak kollu rikjest minnu bil-ligi sabiex isir it-trasferiment. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost jekk fil-fatt kien hemm raguni ghax ma setghax isir it-trasferiment tal-vettura relattiv dan kien imputabbli unikament lil konvenuta l-ohra Mariella Bonnici u bl-ebda mod ma ghandu jkun imputabbli lil Carmelo Bonnici;
3. Salv eccezzjoijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti u/jew l-intimata l-ohra Mariella Bonnici li huma minn issa ngunti in subizzjoni u b’rizerva ghal kull azzjoni ohra spettanti lil intimat Carmelo Bonnici fil-ligi.

Rat ir-risposta tal-konvenuta (fol 16 ibid) u li biha eccepiet bir-rispett:

1. Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari, l-azzjoni hija nulla ossija insostenibbli stante li l-bejgh tal-vettura in kwistjoni gie konkluz tant li l-prezz mifteihem thallas u l-vettura tinsab fil-pussess tal-attur;
2. Illi l-azzjoni hija wkoll insostenibbli stante li l-attur kellu fl-ewwel lok jitlob ir-rexissjoni tal-bejgh tal-vettura qabel ma’ jitlob ir-rifuzjoni tal-prezz tal-istess vettura;
3. Illi in oltre jigi eccepit wkoll illi m’hemmx raguni l’ghaliex dan il-bejgh ghandu jigi rexiss ghaliex il-bejgh kien wiehed validu ghalkemm l-esponenti ma’ tatx il-kunsens taghha ghal dan il-bejgh;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-azzjoni hija wkoll insostenibbli ghaliex il-vettura in kwistjoni ma' gietx depozitata taht l-Awtorita tal-Qorti;
5. Illi wkoll minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponenti ma' tistax tigi kkundannata thallas ossija tirrifondi flus li hija qatt ma rceviet tant hu hekk illi hija lanqas qatt ma' ltaqghet mal-attur u ghalhekk qatt ma' kienet involuta fil-bejgh tal-vettura in kwistjoni ghalkemm l-istess vettura tappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-konjugi konvenuti Bonnici;
6. Salv kontestazzjoni ulterjuri kif permess mill-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat a fol 17 tal-atti kif ukoll a fol 44 u fol 47 ibid.

Semghet it-trattazzjoni.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi hu minnu li, kif verbalizzat a fol 17 tal-atti, fil-bidu kienu ser jigu trattati u decizi l-ewwel (1) u t-tieni (2) eccezzjoni sottomessi mill-konvenuta (ara fol 16 ibid). Pero kif jidher mill-atti u skond kif saret it-trattazzjoni verbali dan il-kaz gie anke , trattat fuq il-meritu. Ghalhekk din il-Qorti ser tiddeciedi dak kollu li gie rilevat fis-smiegh tal-istess kaz.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-provi prodotti, in sintesi, huma is-segwenti:-

a) <u>Il-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici</u> (fol 19 u fol 20 ibid) spjega illi hu kien il-konsulent legali tal-konvenuta waqt il-proceduri ta' separazzjoni bejnha w il-konvenut zewgha u hu kien jaf illi l-vettura in kwistjoni kienet inxtrat matul iz-zwieg taghhom u b'hekk kienet tappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti ngenti bejniethom. Meta kien sar jaf illi l-konvenut kien ser jbiegh l-istess karozza, hu kien kiteb lill-Awtorita' kompetenti illum' Transport Malta' sabiex ma jsirx it-'Transfer' tal-istess karozza lil terzi persuni minghajr il-firma u l-kunsens tal-konvenuta (ara <u>d-dokumenti</u> a fol 52 sa fol 57 ibid). Difatti mid-dokument a

fol 51 jidher illi hemm restrizzjoni fuq trasferiment tal-istess vettura peress li din nxtrat b''hire purchase' u hemm il-htiega tal-firma tal-konvenuta. Difatti, ghalhekk, l-istess vettura ghada registrata fuq isem il-konvenut, wahdu.

b) Il-konvenuta (fol 21 ibid) semmiet illi l-konvenut kien juza l-istess vettura. Inoltre hi qatt ma kienet giet mitluba sabiex taghti l-kunsens taghha ghall-bejgh tal-istess vettura. Dwar il-prezz, hi sostniet illi ma kienet irceviet l-ebda flus la minghand zewgha la minghand l-attur, li saret tafu, biss, meta nbdew dawn il-proceduri.

c) L-attur (fol 22 u fol 48 et seq ibid) spjega illi l-prezz kollu kien thallas lill-konvenut, wahdu. Inoltre meta sar il-bejgh lill-konvenut, dan kien assigurah illi l-vettura kienet tieghu u ',… ma kienx hemm problemi' u ammetta li, dwar il-bejgh, ma kienx ghamel xi kuntatt mal-konvenuta waqt li zied li 'Jekk m'inix zbaljat Carmelo Bonnici kien qalli li s-separazzojni bejnu u martu kienet konkluza'. Sussegwentement meta giet konsenjata lilu mill-konvenut il-vettura in esami, hu kien mar ghand l-Awtorita' msemmija sabiex jsir il-transfer izda ma nghatax il-kunsens ghal dan il-ghan peress li irrisulta li kien hemm bzonn il-firma tal-konvenuta. Filfatt kien ipprova jasal fi ftehim, telefonikament, mal-konvenuta izda din riedet li tithallas nofs il-prezz meta dan kien di gja thallas lill-konvenut, wahdu. Bhala konsegwenza ta' dan, hu kien ddeposita l-vettura fir-Registru tal-Qorti, waqt li l-vettura kienet qed tinzamm f'garage' u ma juzahiex (ara fol 45 ibid). Inolte wara li xtraha hu kien hallas kemm il-licenzja taghha kemm l-assikurazzjoni. Dwar il-'log book' kienu minnu li l-konvenut kien iffirah izda, meta kien semma lil dan li kien hemm bzonn il-firma tal-konvenuta zewgha kien qallu '.. ejja ghandi u nirrangaw ' u mhux ghal darba wahda izda diversi drabi.

d) L-attur ipproduca lil Stephen Cachia (fol 62 u fol 63 ibid) u dan, f'isem 'Transport Malta' ikkonferma li l-vettura kienet ghadha registrata fuq isem il-konvenut u li l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici (ara fuq) kien kiteb lill-istess Awtorita' sabiex l-istess vettura ma tigiex trasferita fuq isem terzi minghajr il-kunsens w il-firma tal-konvenuta.

e) Il-konvenut (fol 28, fol 34 u fol 67 et seq ibid) spjega li kien minnu li biegh wahdu l-istess vettura minghajr l-

involviment ta’ martu avolja l-istess karozza kienet tappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti bejnu u martu. Hawnhekk kien irrefera ghall-abbozz ta’ ftehim maghmula bejnu u martu esebit in fotokopja, a fol 31 u fol 32 u li tirreferi ghas-separazzjoni bejniethom u mid-dehra kif jirrisulta fil-bidu taghha ’cars’ kellhom jigu assenjati lill-konvenut. Dwar din il-kwistjoni, l-attur kien informah li ma setax jirregistra t-‘transfer’ tal-vettura u wara li kienu ghaddew sentejn mill-bejgh, din is-sitwazzjoni kienet ghadha l-istess. Dwar il-prezz li thallas ‘in toto’ mill-attur hu kien uzah sabiex jhallas mutwu ma wiehed mill-banek (ara ukoll fol 34 sa fol 43 ibid).

Ikkunsidrat

Illi mill-premess, jidher evidenti illi l-attur, jinsab fis-sitwazzojni kif hawn fuq deskritt bil-konvenuta tirrifjuta li tiffirma u taghti l-kunsens taghha sabiex jigi esegwit it-trasferiment tal-vettura fuq isem l-attur. Dan kollu ghandu bhala sfond il-proceduri ta’ separazzjoni legali bejn il-konvenuta, liema proceduri gew konkluzi jum qabel is-seduta meta saret it-trattazzjoni, skond kif giet informata l-Qorti waqt li-istess trattazzjoni.

Illi ftehim ta’ bejgh/xiri ghandu bhala skop, it-trasferiment tal-proprjeta ta’ oggett immobbli jew mobbli bejn il-venditur u l-kompratur. L-istess ftehim hu kompletat, bhala regola generali meta il-partijiet jiftehmu fuq l-oggett u l-prezz relattiv, kif jara f’dan il-kaz. La darba qed tigi trasferita l-proprjeta tal-oggett, bhala kull prorpjetarju, il-komperatur ghandu il-jedd ta’ ‘utendi, fruendi et abutendi’. F’dan il-kaz, l-attur spicca fis-sitwazzjoni illi, minhabba dak premess, hu jista’ juza l-istess vettura pero hemm ukoll ir-restrizzjoni fit-trasferiment tal-vettura kif deskritt u ghalhekk l-istess attur hu ostakolat milli jbieghha lil terzi persuni.

Illi dan l-istat ta’ fatt, fil-fehma tal-Qorti hu sufficjenti sabiex jammonta ghal dak specifikat fl-artikoli 1068 in rigward il-patt kommissorju tacitu peress li l-venditur naqas milli jara li kollox jsir skond kif trid il-ligi.

Illi, dwar dan, jidher mill-provi illi din is-sitwazzjoni ilha hekk ghal madwar sentejn u ghalhekk il-Qorti tara li ma ghandhiex taghti zmien u terminu lill-konvenut sabiex dan jottempra ruhu u jaghmel dak rikjest minnu u li jobbliga ruhu li jaghmel.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-konvenuta, il-Qorti tara li ma hemm xejn li jobbliga li taghti l-kunsens taghha sabiex jigi registrat it-traferiment. Filfatt tidher li kienet gusitifikata li ma taghtix dan il-kunsens sabiex tissalvagwardja dak spettanti lilha waqt il-proceduri ta' separazzjoni. Inoltre l-konvenuta ma kellha l-ebda obbligu legali vis-à-vis l-attur stante li n-negozjati kollha kienu saru bejn il-konvenut u l-attur u dan ad insaputa taghha.

Ikkunsidrat

Illi ghalhekk, it-talbiet in esami ser jigu akkolti 'in toto' fil-konfront tal-konvenut wahdu.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti filwaqt li tillibera lill-konvenuta mill-osservanza tal-gudizzju, tilqa t-talbiet tal-attur fil-konfront tal-konvenut wahdu, u tikkundanna lill-istess konvenut sabiex jhallas lill-attur is-somma ta' EUR10,249.24 waqt li tiddikjara r-rexissjoni tal-ftehim imsemmi fl-istess avviz bejn l-attur w il-konvenut u dan bl-imghax legali mid-29 ta' April 2009, peress li l-ftehim kien att civili, sad-data tal-pagament effettiv. In rigward l-ispejjes dawn ghandhom jithallsu ukoll mill-konvenut, wahdu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------